


# PATRI ĠERARDU KAPPUĊĊIN



*Min Anthony Piscopo.*

Meta lil dan il-Patri qed nintitolah bħala Kappuċċin f'moħħi għandi l-epoka ta' tfuliti meta ulied San Franġisk t'Assisi kienu għadhom b'dik il-baffi twila twila biċ-ċoqqa u l-kurdun ma qaddhom, bil-qorq u bla peduni, f'kelma waħda kienet għadha ma daħlietx il-libsa magħrufa bħala dik tal-'Clergy man'.

Patri Ġerardu kien twieled il-Furjana fil-21 ta' Frar 1894 u ngħata l-isem ta' Franġisku, isem li nbidillu għal-Ġerardu meta daħal Kappuċċin, kif kienet l-użanza dak iż-żmien. Missieru Ġanni u ommu Carmela nee' Tabone kellhom familja kbira u ferm popolari fil-Furjana. Franġisku trabba ma zitu Miss Pawla li kienet għalliema fl-iskola tal-Gvern tal-Furjana, mara li kien jafha kulħadd, mara dejjem daħqana, ferriħija u b'qalba f'idejha u ma setax ikun li neputi Franġisku ma jixrobx dawn il-kwalitajiet sbieħ li kellha zitu u li swewh ħafna fil-formazzjoni tiegħu biex ħaddan l-Ordni Franġiskana




Fl-1917, Patri Ġerardu ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja tal-Kappuċċini l-Furjana flok dik li naraw illum li kient iġġarfet u nqerdet għal kollox fl-aħħar gwerra dinjijja fil-5 ta' April 1942.

Bħala parrinijiet kellu is-Sur Francesco Portelli u sur Ġuzeppi Despott. Solenement ukoll kien iċċelebra quddiesa fil-Knisja Arċipretali dik li fiha kien tgħammed u li kien maħnuqa bil-Furjaniżi li għalija kienu attendew bi ħġarhom.

Patri Ġerardu Furjaniż akkanit lejn is-subborg twelidu u iktar lejn il-Qaddis Publju, l-akbar sodisfazzjon tiegħu kien ikun meta jagħmel it-Tridu jew il-Paneġirku fil-festa li ma kienx jabbasta jinzel min fuq il-pulptu. Hu kien predikatur imfittex ħafna fil-knejjes ta' l-ibliet u l-irħula ta' Gżiritna. Ma tul il-missjoni Sacerdotali tiegħu lil Patri Ġerardu insibuh f'bosta karigi f'dan l-Ordni Franġiskan, bħal meta kien Gwardjan tal-Kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara. Hu kien ukoll Definitur u Lettur ghal-bosta snin fil-Kunvent tal-Furjana, minbarra li kien Għalliem tan-Novizzi fl-iSkola Serafika hdejn il-Kappella ta' Lourdes fil-Furjana stess.

Kien ukoll fil-Kunvent tal-Kappucini tal-Marsa fejn, jien li qed nikteb, ħamsa u erbgħin sena ilu kont ħadt dan it-tagħrif minn fommu stess ghad-Djarju Furjaniż tiegħi. Patri Ġerardu gieli kien imsejjaħ fil-Ħabs Ċivili biex jassisti ma kkundanti bil-mewt tal-forka.

Izda fil-Ktieb bħal dan maħrug ghall-okkażżjoni tal-Festa ta' San Publju l-Ewwel Isqof ta' Malta li qed tkun iffesteġġjata llum 30 ta' April, ħsibijietna għadhom immorru lejn dan il-Patrijott Furjaniż li jísthoqqlu kull tifħir ghal-Ktieb monumentali li ħallielna 'SAN PUBLJU SKOND L-GĦORRIEF' opra letterarja u storika mill-aqwa u li għaliha Patri Ġeradu għamel riċerki kbar f'Malta u l-Italja. Kull min għandu dan il-ktieb, tassew għandu jiftaħar għax nistgħu ngħidu li huwa l-ikbar document li jeżisti fuq il-ħajja ta' San Publju, miktub bi still mexxej u mimli fatti u provi li San Publju kien tassew Malti u li huwa l-Qaddis li aħna nivveneraw fil-parroċċa tagħna.

"Fi Żmien il-Festa jixraq li nersqu aktar lejn is-Sagramenti"